MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-5 ta' April, 2014

Numru. 348/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER MILLO**

**VS**

**MILAN MILANOVIC**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Milan Milanovic, detentur tal-Karta tal-Identita` numru Maltija 66149 (M) u n-numru ta` Passaport Serbjan 8287023.

**Akkuzat talli:**

1. F’xi hin bejn it-13 ta` ottubru 2013 u s-16 ta` Ottubru 2013 ikkometta serq ta` diversi ogetti, fosthom zewg arloggi ta` ghamla Rolex mill-appartament 175, Flt 16, Triq it-Torri, Sliema, ghad-deteriment ta` Pietro Ghedin u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-mezz,bil-persuna u bil-valur Ii jeccedi s-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli f’xi hin fix-xahar ta` Marzu, 2014, minn Tas-Sliema ikkometta serq minn go vettura, ta diversi ogetti fosthom cheque book u visa cards, ghad-deteriment ta` Patrick Tabone u/jew person/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u liema valur jeccedix is-somma ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

3. U aktar talli f’xi hin fix-xahar ta` Marzu 2014 iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati, Milan Milanovic seta` jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta` oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

4. U aktar talli f’xi hin fix-xahar ta` Marzu, 2014, xjentement ghamel uzu minn wahda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. U aktar talli f’xi hin fix-xahar ta` Marzu 2014 ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjoni jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obligu, f’dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gewwa ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. U aktar talli f’xi hin fix-xahar ta` Marzu 2014 xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta` qbel ta` dan is-subtitolu (Fuq il-falsifikazzjoni ta` skritturi ohra pubblici jew privati);

7. U aktar talli f’xi hin fix-xahar ta` Marzu 2014, ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor

falsifikat,mhux imsemmi fl-artikoli ta` qabel l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9;

8. U aktar talli f'xi hin fix-xahar ta` Marzu 2014 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamelqliegh bi hsara ta` haddiehor u cioe` tal-bank BOV u/jew persuna/i ohra;

9. U aktar talli f'xi hin fix-xahar ta` Marzu 2014 bi hsara ta` haddiehor u cioe` tal-Bank BOV u/jew persuna/i ohra, ghamel xi qliegh iehor b'qerq ta` disa` mija u disghin ewro (€990), mhux imsemmi fl-artikolu ta` qabel dan is-sub-titolu u cioe` tal-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 167, 169, 183, 184, 189, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Din il-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Milan Milanovic;

Wara li rregistrat l-ammissjoni tal-imputat mill-imputazzjonijiet kif lilu addebitati,

Wara li l-imputat rega` tenna l-ammissjoni tieghu wara li huwa nghata zmien ghall-ripensament;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghazel illi ma jigix patrocinat minn avukat ta' xhelta tieghu u lanqas avukat appuntat lilu mill-istess Qorti u wara li l-Qorti saqsiet lil imputat jekk kellux xi kummenti x'jaghmel, ikkunsidrat, illi in amissjoni volontarja u ikkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil dina l-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-serjeta tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, stante li dawn is-serqiet saru wara illi d-derubat kien avdat mill-imputat bic-cwievet tad-dar tieghu, temmen li piena karcerarja effettiva ghandha tinghata minhabba t-tradiment ta' din il-fiducja. Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu qeghda tordna li huwa jintbaghat sabiex iservi perjodu ta' prigunerija effettiva ta' erba` (4) snin, u immedjatament wara li tigi servuta din is-sentenza huwa jigi deportat minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------